# Il-Kappella f'Ġieħ San Silvestru Papa

Louis Vassallo

Fost il-kullana sabiħa ta' binjiet fuq stil barokk li bniet l-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann meta din ħakmet fuq Malta u Għawdex bejn l-1530 u l-1798, insibu bla dubju ta' xejn il-Kon-Katidral ta' San Ġwann li jibqa' l-aqwa partimonju monumetali li ħallewlna. Dan it-tempju kien il-knisja konventwali ta' l-Ordni. Kien għalhekk li kull granmastru għamar li jintefqu flejjes kbar biex jgħanuh bl-isbaħ opri artistiċi. Terġa' u tgħid, il-knisja konventwali ġiet imqassma fi tmien kappelli, waħda għal kul lingwa li jsenslu s-salib ta' l-Ordni. Din l-idea kienet kollha kemm hi tat-twajjeb u ġeneruż Granmastru La Cassiere.

Barra minn dan kollu, kienu mhux ftit dawk il-granmastri u l-kavallieri li fuq xewqa personali tagħhom, irsistew biex waqqfu bosta knejjes u kappelli, imxerrdin 'l hawn u 'l hemm fuq dawn iż-żewġ ħoloq gżejjer f'nofs il-Baħar Mediterran.

### *Is-seklu XVII*

Matul il-ħakma ta' l-Ordni, meta b'popolazzjoni ta' madwar 900 ruħ, il-Mosta saret parroċċa fil-bidu tas-seklu XVII, nhar is-16 ta' Settembru 1608, mill-Isqof Tumas Gargallo, wara li ġiet maqtugħha mill-matriċi tan-Naxxar. Fi żmien it-tielet kappillan tal-Mosta Dr Dun Carlo Schembri (1647-1671), ġiet mibnija il-kappella ta' San Silvestru Papa, bi flus il-Kavallier Fra Silvestru Fiteni. Din il-kappella kellha t-titlu ta' *Commenda*, imwaqqfa bl-atti tan-Nutar Mikiel Ralli, fl-24 ta' Diċembru 1657. Jingħad li dan il-kavallier kien iħobb ħafna jżur il-Mosta. Sa bejn wieħed u ieħor ma' 40 sena ilu, mal-ġenb tal-kappella kienet tinsab remissa bl-arma ta' Silvestru Fiteni fuq il-bieb tagħha. Fiha kienu jinżammu ż-żwiemel u karozzella ta' dan il-kavallier meta kien jgħaddi xi jum għall-mistrieħ fir-raħal tal-Mosta. Dan kien żmien meta r-reliġjon, in-nobiltà u s-sengħa ta' l-armi kienu l-ogħla ħsibijiet ta' dawk li jmexxu l-pajjiż. Dak kien żmien meta l-Mosti fqajjar kien jemmen bis-sħiħ li t-tama tgħajjex il-bidwi!

### *Ħidma*

Sa mill-ibgħad żminijiet il-Mosta kienet magħrufa għall-biedja u t-trobbija ta' l-annimali u t-tjur. Għalhekk in-numru ta' bdiewa u raħħala minn dejjem kien wieħed għoli. Il-Mosta kienet iċ-ċentru fil-kultivazzjoni tal-qoton, fl-industrija ta' l-insiġ u fil-produzzjoni ta' l-għasel u l-inbid. Iżda minbarra dan ix-xogħol, il-Mostin kienu magħrufin ukoll għall-ħidma marbuta mal-ġebla nfisha, mal-barrieri u mas-sengħa tal-bini. Il-Mosta tat lill-irħula ta' madwarha naġġara u bennejja primi, li s-sengħa tagħhom tferrxet f'diversi bliet u rħula.

### *Proġetti*

Meta s-salib ta' tmien ponot kien ifisser is-simbolu ta' ħakma fuq pajjiżna, ix-xogħol u l-proġetti marbuta mal-kostruzzjoni raw żieda enormi. Inbnew il-fortifikazzjonijiet biex jgħassu sew ix-xtut. Ġew mibnija l-ibliet ta' madwar il-Port il-Kbir waqt li tkabbru l-ibliet u l-irħula l-oħra biex fihom issib wens il-popolazzjoni li kienet dejjem qiegħda titkattar. Ma naqsux li jitilgħu diversi palazzi u knejjes ta' kull daqs u għamla, fejn ix-xeħta barokka dejjem iddominat fl-arkitettura tagħhom.

Fil-Mosta fl-1619,[1] intemm ix-xogħol fuq il-knisja parrokkjali ġdida f'ġieħ l-Assunta, maħsuba u mħażża fuq disinn ta' l-Arkitett Tumas Dingli. Bejn l-1610 u l-1661, inbnew il-kappelli ta' Wejda (1610) ta' Sant'Anton Abbati (1657), ta' San Silvestru (1657), tal-Kunċizzjoni (1658) u dik ta' San Anard (1659). Kotor ukoll l-għadd ta' djar ġodda u rziezet ħalli fihom jgħammru l-familji Mostin. B'din il-ħarsa ħafifa li tajna, wieħed jista' faċilment jifhem li b'dan ix-xogħol kollu fil-qasam tal-bini ġieli kien hemm żmien fejn il-ħawtiela Mostin kienu marru tajjeb, frott il-bżulija u l-għaraq ta' xbinhom.

### *Ġawhra*

Fil-Mosta niltaqgħu ma' numru ċkejken ta' binjiet li jfakkruna fi żmien il-ħakma ta' l-Ordni Ġerosolomitan. Ta' min isemmi l-mitħna l-qadima imwaqqfa taħt l-isem ta' 'Ġesù Nazzarenu'

fl-1757. Imma hemm min hu tal-fehma li l-kappella f'ġieħ San Silvestru Papa hija l-aktar ġawhra prezzjuża ta' dan il-perjodu storiku fil-lokalità tal-Mosta. Kitba qasira minquxa fil-ġebel li tinsab fuq il-bieb ewlieni tagħha, tikkonferma li ġiet mibnija bi flus in-Nobbli Silvestru Fiteni. Din l-iskrizzjoni bil-Latin li tinsab taħt l-arma ta' dan il-kavallier, tgħid dan[2]:

FITENI SYLVESTER EQVES
SYLVESTRIBVS AGRIS
DIVO SYLVESTRO DAT DICAT
IPSE DOMVM 1664

Din il-kappella kienet taqa' taħt il-gran prijur ta' l-istess Ordni.



*Il-kwadru ta' San Silvestru Papa li jinsab fil-Kappella ddedikata lilu fi Vjal l-Indipendenza, il-Mosta xogħol ta' Stefano Erardi tal-1665*

***Il-kavallier***

■ Imma sewwa sew, min kien dan il-kavallier li twebbel li jsir midħla tal-Mosta u tan-nies li jgħixu fiha? Il-kurżità taqtaħilna kitba oħra li tinsab fil-ġewwieni tal-kappella, preċiżament fuq il-kwadru tal-qaddis patrun. It-traduzzjoni bil-Malti mill-Latin tgħid hekk: "In-Nobbli Silvestru Fiteni, Malti, Baruni ta' Budapest, wara li laħaq ħakem u maħlul miż-żwieġ.... Fl-imgħoddi mas-Sinjura Ġenoveffa .... D. Tassalocanna mdaħħal fl-Imqaddes Ordni Militari ta' San Ġwann ta' Ġerusalem, fil-grad ta' Kavallier ta' Kastellanija Emposta, mill-ġid tal-patrimonju akkwistat fi żmien iż-żwieġ, huwa waqqaf il-kommenda taħt l-isem ta' San Silvestru (tal-familja) Fiteni, għalih u għall-kavallieri (ta' l-imsemmija) Kastellanija; u għamel li tiġi mwettqa b'permess Appostoliku, ta' l-24 ta' Diċembru 1657. Għalhekk bena dan il-lok mix-xagħri taħt il-patroċinju ta' San Silvestru, fis-sena 1664."

***Ħjiel***

■ Aktar ħjiel importanti nsibuh imperreċ fiċ-ċentru tal-kwadru nnifsu. Fih nerġgħu nilmħu l-arma ta' Fiteni u l-kliem tal-Latin li fost ħwejjeġ oħra jistqarr li l-ispejjeż għal din l-opra artistika għamel tajjeb għalihom dan in-Nobbli fl-età ta' 67 sena:

"Lil San Silvestru protettur, tal-(familja) Fiteni, il-Kavallier Kommendatur Fra Silvestru Fiteni Malti Nobbli Fundatur, b'qima reliġjuża għamel fis-sena tas-saħħa 1665, id-9 sena tal-Kommenda, is-67 sena ta' ħajtu".

***San Silvestru***

■ Kif jixhed isimha din il-kappella ġiet mibnija għall-qima ta' San Silvestru, Papa u Konfessur. San Silvestru I kien Papa bejn it-314 u 335. Matul il-21 sena tal-Pontifikat tiegħu ddefenda bil-qawwa d-Divinità ta' Kristu. Skond kif inhu miżmum, Silvestru fejjaq lill-ImperaturKostantinu l-Kbir mill-marda tal-ġdiem u tah is-Sagrament tal-Magħmudija. Il-festa tiegħu tiġi ċċelebrata mill-knisja Kattolika nhar il-31 ta' Diċembru. Kif jixraq, din il-kappella Mostija tiġi mżejna mill-aħjar fejn jiġi armat id-damask ħamrani, l-altar u l-aċċessorji kollha meħtieġa għall-funzjonijiet b'solennità kbira. Għadha tintuża b'mod regolari għas-servizz tal-quddies ta' kuljum,

kif ukoll fil-Ħdud u l-festi kmandati.

***Il-Kwadru***

■ Il-kwadru famuż tal-qaddis li jinsab ftit 'il fuq mill-artal tal-ġebel, hu xogħol ta' preġju kbir u skond l-esperti li rrestawrawh bosta snin ilu, jingħad li hu xogħol ta' Stefano Erardi (1630-1716). Dan l-artist Malti ta' fama, twieled fil-Belt Valletta u tul is-86 sena ta' ħajtu tana bosta xogħlijiet sbieħ fil-knejjes ta' pajjiżna. Fis-sagristija tar-Rotunda, insibu l-kwadri ta' San Lorenzo, San Filippo Neri, San Kożma u San Damjan. Dawn l-opri ta' ġmiel u perfezzjoni kienu ġew impittra għall-knisja l-Qadima tal-Mosta minn Stefano Erardi u għandhom valur speċjali kemm fil-qasam storiku u kif ukoll f'dak artistiku. Il-kwadru ewlieni fil-kappella ta' San Silvestru, jippreżenta lill-qaddis liebes il-kappa u għarkubbtejh fuq is-sħab, imdawwar minn erba' anġli żgħar fil-glorja tiegħu. Fuq in-naħa tax-xellug, naraw anġlu kbir qed iżomm it-tarf tal-koppa tal-qaddis. Waqt li anġlu kbir ieħor fuq il-lemin, jidher li għandu f'idejh it-trerenju.

***Ma Titqiesx***

■ Alexander Bonnici O.F.M. fil-kapitlu tiegħu 'il-Mosta Nisranija' imxandar fil-ktieb *Ex Annalibus Mustae* li hu pubblikazzjoni tas-Soċjetà Filarmonika Santa Marija, tana ħjiel 'ġdid' dwar il-kappella ta' San Silvestru. Bonnici jgħid hekk "Fid-deskrizzjoni tal-knejjes ta' l-1668, din ma titqiesx fost dawk li kienu jiddependu mill-Kappillan tal-Mosta. Imma l-kappillan Dun Karlu Schembri tkellem dwarha meta ltaqa' ma' l-Isqof Buenos. Qallu li kien hemm numru ta' nies li kienu jmorru fil-knisja ta' San Silvestru għall-qrar u l-quddies. Billi ma kenitx filjali tal-parroċċa, lil din il-knisja ma narawhiex lanqas fil-pjanta ta' l-1783, li hi taż-żmien il-kappillan Dun Saver Bonnici." Il-pjanta li jirreferi għaliha Alexander Bonnici, tagħmel indikazzjoni għal ħames kappelli filjali li kienu jeżistu fl-1668 u li huma ta' San Anard, Il-Viżitazzjoni magħrufa bħala 'Ta' Wejda', Il-Kunċizzjoni, Sant'Anton Abbati u dik ta' Santa Margerita. Lura aktar fiż-żmien, il-Mosta kellha kappelli oħrajn u li kienu msemmijin għall-San Nikola, San Pawl, San Ġakbu, San Rokku, San Mikiel, u l-Annunzjata. Dawn il-kappelli kienu diġà pprofanati sal-1668.

***Karatteristiċi***

■ Il-ħâra bejn il-kappella ta' San Silvestru u l-mitħna l-qadima tfakkarna fir-raba' u l-irziezet li dari kienu l-karatteristiċi ta' dawn l-inħawi. Illum f'ħafna minn dawn l-għelieqi tela' minflokom għadd ġmielu ta' djar. Fl-imgħoddi din il-kappella kienet xi ftit jew wisq moħbija, imma b'riżultat ta' l-iżvilupp li sar fl-akkwati tagħha, dan il-wirt għażiż sab ruħu fin-nofs ta' Vjal l-Indipendenza. "Kull deni ħudu b'ġid" jgħid ix-Xiħ Malti għax permezz ta' din is-sitwazzjoni ġdida li sabet ruħha fiha, din il-kappella kisbet aktar popolarità ma' l-ulied tal-progress u l-informatika! Il-faċċata hi mfassla minn żewġ pilastri ta' stil Doriku. Fuqhom nilmħu l-frontispizju li jitla' mit-truf tal-gwarniċun tal-pilastri. Fin-nofs tal-frontispizju hemm kampnar ċkejken u sempliċi, li hu tant sinonimu mal-kappelli ta' żmien ta' darba waħda. Biswit il-pilastri naraw żewġ niċeċ li fihom l-istatwi ta' San Silvestru Papa u San Pietru Appostlu. Dawn ġew maħdumin fil-ġebla Maltija mill-iskultur Mosti Savio Deguara u tpoġġew għall-irdoss tan-niċeċ tagħhom nhar it-30 ta' Lulju 2002. Minn ġewwa, is-saqaf kien kollu mżejen bi stilel u bi slaleb tal-Kavallieri. Minħabba li din il-kappella kienet ta' l-Ordni, illum hija ġuspatronat tal-Gvern Malti li wiret dak kollu li kien fadlilha l-Ordni. Fis-snin disgħin tas-seklu għoxrin, il-Kunsill Lokali tal-Mosta kien ħa ħsieb biex jirrestawraha u b'hekk ħadet dehra li tqarreb lejn l-oriġini tagħha. Dan l-impenn serju mill-Kunsill Lokali Mosti, jurina kif il-wirt storiku għandu jiġi apprezzat, konservat u mgħoddi lil ta' warajna.

***Il-Gwerra***

■ Dari, din il-kappella kienet imżejna b'kanċell tal-ġebel quddiem l-artal.[3] Matul it-Tieni Gwerra Dinjija, il-Kappella ta' San Silvestru ġarrbet xi ħsarat, fejn iġġarrfet is-sagristija waqt li l-kanċell kien intilef darba għal dejjem. B'xorti tajba l-kwadru titulari kien ittieħed għall-kenn fir-Rotunda. Meta ntemmet il-gwerra, kienet inbniet mill-ġdid is-sagristija u l-kwadru ta' San Silvestru reġa' tpoġġa fil-kappella ddedikata lilu.

### *Tal-Festa*

■ L-artal tal-ġebel sar mill-ġdid fis-snin tmenin tas-seklu għoxrin mill-Mosti Ġlormu Deguara. Biex jiġi msebbaħ l-artal għal matul il-jiem tal-festa, ġew maħduma sett ta' sitt statwi sabiex jintramaw bejn il-gandlieri. Dawn l-istatwi tal-qaddisin saru fis-snin disgħin tas-seklu l-ieħor u huma xogħol fl-injam, skulturati minn Renzo Gauci ta' Ħal Tarxien. Dawn ix-xbihat jippreżentaw lill-ewwel Papa San Pietru Appostlu, San Klement Papa, San Piju V, San Piju X, San Girgor il-Kbir u San Ljun il-Kbir. Fl-istess żmien saru l-gandlieri ta' l-artal li kemm huma kif ukoll l-istatwi tal-papiet huma ndurati bil-fidda. Matul il-festa tal-patrun, l-artal ikun imżejjen b'kanopew u ventartal irrakkmati bid-deheb fuq il-lama bajda. Il-gwarniċ tal-ventartal hu xogħol ta' tmiem is-seklu dsatax.



*Il-parti ta' fuq tal-faċċata tal-Kappella ta' San Silvestru bl-istatwi ta' San Pietru u San Silvestru. (Ritratt ta' Louis Vassallo)*



*L-artal wahdieni tal-Kappella armat ghall-Festa (Ritratt ta' Louis Vassallo)*

### *Santa Rita*

■ Barra l-festa ta' San Silvestru, f'din il-kappella ssir festa oħra f'ġieħ Santa Rita. Sa ftit tas-snin ilu, din il-festa kienet tiġi ċċelebrata bit-tlitt ijiem ta' tridu wkoll. Ma setax jonqos li tinħadem statwa sabiħa ta' Santa Rita fejn kien ġie inkarigat biex jaħdimha l-iskultur Għawdxi Wistin Camilleri (1885-1979), missier l-iskulturi ta' żminijietna Michael u Alfred Camilleri Cauchi. Din l-opra saret bl-inizjattiva ta' Indri Abela (il-Parell) meta kien jieħu ħsieb iż-żamma u l-kura ta' din il-kappella Mostija. Fi żmienu żżanżnet il-qanpiena li tidher fil-kampnar li ġġib l-isem ta' Santa Rita. Minn dan kollu jidher ċar li dan ix-xwejjaħ Mosti kien xettel u kabbar id-devozzjoni lejn din il-qaddisa kbira – il-qaddisa ta' l-impossibbli li l-festa tagħha taħbat nhar it-22 ta' Mejju.

### *Għejdut*

■ Ħjiel tassew interessanti u mhux daqstant magħruf dwar għidut il-poplu li hemm imxeblek mal-kappella ta' San Silvestru, iltqajna miegħu fil-programm televiżiv 'Il-Ħadd mal-Maltin' li kien imxandar fuq TVM, nhar il-Ħadd 20 ta' Marzu 1994.[4] F'dan il-programm partikulari mtella' mill-Mosta, kien hemm *feature* imsejjaħ 'appuntament mal-poeżija' fuq il-kitba ta' Mario Azzopardi u qari ta' Charles Arrigo. L-iskript tal-*feature* jieħu żvolta ta' rakkont u konverżazzjoni fl-istess waqt bejn xwejħa Mostija bl-isem ta' Tereż li tqarreb

lejn it-82 sena u n-neputija tagħha Rosemary, emigranta f'NSW, l-Awstralja. Huma ftakru u fakkru nies, djar u naħat li huma jafuhom f'Mosta wisq differenti mil-lum. Kelma ġġib lill-oħra u d-diskors waqa' fuq l-'għoġol tad-deheb' li jinsab x'imkien il-Mosta. "U l-għoġol tad-deheb sabuh żija Tereż?" "X'inhu ruħi?" "Kont tgħidli li fil-Mosta hemm għoġol tad-deheb." "U dażgur li hemm għoġol tad-deheb. Dejjem kienu jgħidu li taħt il-kappella ta' San Silvestru hemm għoġol tad-deheb u meta timxi fuqu, l-art tirbombja." "Allura sabuh zija Tereż?" "Ma naħsibx li sabuh għax kieku tat-televixin kienu jgħidu żgur! Għax dawk kollox ikunu jafu, anki jekk tagħtas il-prinċipessa ta' l-Ingilterra!" Dan l-għidut ikun dnub jekk jintilef mal-medda taż-żmien li ġej, u jagħmel sehem ukoll mill-wirt ta' missirijietna, li għandna nibqgħu ngħożżuh."

***Kult***

■ Missirijietna tul il-mixja taż-żminijiet, għarfu kif il-fidi u t-tradizzjoni jistgħu jimxu pari passu f'armonija sħiħa. Kult imxerred daqstant madwar dawn il-gżejjer, ma jistax ma joħloqx kullana ta' reliġjosità popolari fost il-poplu. Fuq kollox, hawn min hu tal-fehma li d-devozzjoni, imnissla minn drawwiet missirijietna, hi bint il-fidi. Fl-għejdut tal-Maltin u l-Għawdxin ta' dari, għandna niskopru teżor prezzjuż li fih insibu għadd bla qies ta' twemmin u folklor. Fost il-qwiel li huma marbut mal-qaddisin, insibu dak li kien jingħad fl-aħħar jum tas-sena, propju f'nhar il-festa ta' San Silvestru Papa. Ix-xjuħ tagħna kienu jlissnu: "F'San Silvestru ġedded il-kappestru, biex taħseb għas-sena l-ġdida." Għal missirijietna kien importanti ħafna t-taqsim ta' l-erba' staġuni. Maż-żmien daħlu d-devozzjonjiet lejn il-qaddisin, fejn kull patrun jew patruna kellhom jum partikulari ddedikat għalihom. Mhux ta' b'xejn li l-ismijiet tal-qaddisin jissemmew ta' spiss fil-qwiel dwar it-temp, il-prodotti u dwar dawk li jgħixu min-natura.

***Il-qarinża***

■ Il-jum tal-31 ta' Diċembru li fih tiġi ċċelebrata l-festa f'ġieħ San Silvestru, għandu marbut miegħu folklor li sar biss tifkira mill-imgħoddi. It-tradizzjoni 'Tal-Qarinżà turina li din il-kelma antika, biż-żmien biddlet l-għamla tagħha mill-Għarbi. Fl-aħħar jum tas-sena, grupp ta' rġiel kienu joħorġu jduru fit-toroq u l-imsieraħ biex jiddubbaw xi ħaġa tal-flus jew xi bukkun. Aktar tard, missirijietna bdew jagħmlu xi trajbu, jew ċraret mimlijin bit-tiben, biex jieħdu għamla ta' mara u ta' raġel. Il-mara kienet tfisser is-sena li waslet biex tgħaddi waqt li s-sena l-ġdida kienet iffigurata minn trajbu b'tifsila ta' raġel. In-nies ta' l-irħula u ta' l-ibliet kienu jżeffnuhom mad-daqq tal-flawt, iż-żaqq u t-tanbur. It-tradizzjoni tal-qarinża rat it-tmiem tagħha lejn l-aħħar snin ta' l-Ordni ta' San Ġwann. Dak li x'aktarx kien il-kaġun li għalaq il-bieb għal din it-tradizzjoni, jidher li kien l-istorbju li kien isir matul il-lejl fejn mhux kulħadd kellu pjaċir b'dik l-isfratterija wara biebu!

Għalkemm l-għamla ta' xi drawwa taf tgħib kif oriġinarjament tkun inħolqot, wara ċertu żmien taf terġa' tisponta f'sura oħra. U hekk ġralha l-qarinża. Sas-snin erbgħin tas-seklu l-ieħor, kienet komuni d-dehra ta' xi raġel jew mara, b'tilar jew xkora bil-ġir, iferrxu ftit minn dal-ġir fuq l-għetiebi u t-turġien tad-djar ta' l-ibliet u l-irħula. Dan il-ġest kien ifisser xewqat tajba għas-sena l-ġdida. Kien hemm xi wħud li kienu mistiedna biex jidħlu fid-djar fejn kienu jieklu u jixorbu waqt li huma kienu jirreċitaw kliem ta' awguri f'ġieħ il-membri ta' dik il-familja ġeneruża. Sfortunatament din it-tifsira ġdida tal-qarinża sabet ukoll it-tmiem tal-kapitlu tagħha. Għax mhux kulħadd kellu pjaċir b'dawn it-talin. Għax kien hemm min irid jorqod, min ma jħobbx l-istorbju u min ma jogħġbux il-ġir fuq l-għatba ta' daru!

***Graffiti***

■ Ma' ħajt tal-kappella ta' San Silvestru hemm xi fdal ta' graffiti u b'hekk din il-binja qadima tagħtina togħma ta' dan il-wirt reliġjuż u kulturali li għandu bżonn akar għarfien u protezzjoni għall-eżistenza tiegħu. Il-graffiti ssibhom imxerrda mal-pajjiżi kollha tal-Mediterran u ta' l-Ewropa u kif ukoll fl-Afrika ta' Lvant. F'pajjiżna, il-graffiti jagħmlu sehem sħiħ mill-kultura tal-poplu tagħna fejn fihom għandek tħoss u ġġarrab il-fidi soda ta' missirijietna filwaqt li jagħtu ħjiel fuq l-istorja marittima ta' art twelidna. Bla dubju ta' xejn l-akbar patrimonju fil-Mosta ta'

din ix-xeħta jinsab mal-ħitan tal-Kappella ta' San Pawl Nawfragu f'Wied il-Qlejja. Ir-riċerka li għamel Joseph Muscat fuq graffiti fil-Mosta fuq il-ħitan tal-Kappella ta' San Pawl Nawfragu misluta mill-ktieb *Ex Annalibus Mustæ* li rreferejna għalih aktar 'il fuq f'dan l-artiklu, toffrilna sensiela ta' ħsibijiet kurjużi: "U fil-Mosta, għaliex issib għadd hekk kbir ta' graffiti mal-ħitan ta' barra tal-Knisja ta' San Pawl Nawfragu u ftit li xejn ma' knejjes oħra żgħar? Jista' jkun hemm bosta raġunijiet għal dan iżda waħda minnhom hi li forsi sar 'tindif' żejjed tal-ħitan hekk li l-graffiti li seta' kien hemm fuqhom tħassru darba għal dejjem. Dan nistgħu ngħiduh għall-Knisja ta' San Silvestru kif ukoll għall-faċċata tal-Knisja ta' l-Isperanza li llum tnaddfet fuq il-ġebla hekk li dak li seta' kien hemm magħha għeb għal kollox. Għax il-ħajt ta' wara ta' din il-knisja ma tnaddafx, wieħed għadu jista' jara xi graffiti fuq dik in-naħa."

Muscat, aktar 'il quddiem fir-riċerka tiegħu jkompli jagħtina aktar tagħrif marbut b'xi mod mal-Kappella ta' San Silvestru. "L-importanza tal-graffiti tidher ukoll meta tqabbel l-għadd differenti tagħhom minn knisja għall-oħra. Ħafna minnhom fuq knisja waħda tinduna kemm setgħet kienet popolari u x'devozzjoni kien hemm marbuta magħha. Ma' knisja oħra tara ftit għax forsi ma kinitx magħrufa ħafna. Qabbel l-għadd kbir ta' graffiti li hemm mal-knisja ta' San Pawl Nawfragu mal-ftit li hemm, jew forsi baqa', ma' dik ta' l-Isperanza jew ta' San Silvestru."

Dawn il-graffiti huma manifestazzjonijiet popolari ta' wegħdi magħmula minn baħħara u bdiewa. Għalhekk dawn it-tip ta' simboli mnaqqxa fil-ħitan, jitpoġġew mal-kategorija ta' *ex voto.*

### *Talba*

Għall-irdoss u l-wens tal-kappella Mostija f'ġieħ San Silvestru, f'ambjent ta' ġabra u sliem, il-ħsieb tagħna mqanqal mill-ispirtu ta' ruħna qed jistedinna biex b'fidi soda ntennu flimkien talba partikulari. Talba maħsuba u miktuba minn anonimu Spanjol li tmur lura sas-seklu XVII – is-seklu li fih ġiet mibnija din il-kappella. Fl-isfond storiku, soċjali u reliġjuż, din it-talba tassew imqanqla, tixħet dawl fuq l-imħabba tal-fidili Kristjani ta' dak iż-żmien lejn ix-xbiha għażiża tal-Kurċifiss Imqaddes. Din it-talba għandha tifsila u sinifikat mill-aktar profondi u tkun ħaġa sewwa jekk terġa' tibda tingħad fil-knejjes tagħna. Għax is-salib huwa l-għelm tar-rebħ merfugħ fil-għoli. Għelm li jfakkar f'dak li ġara darba fuq il-Golgota. Is-salib li minn saħta tremenda jinbidel u jsir barka smewwija u mbierka. "*O crux, Ave, spes unica*" – li bl-ilsien Malti tinqara: "O salib, is-sliem, l-unika tama tagħna". It-talba tgħid hekk:

Ma tqanqalnix, o Mulej, biex inħobbok
il-ġenna li int wegħedtni,
lanqas ma jqanqalni l-infern hekk tal-biża'
biex jien inħallih biex inħobbok.
Iżda inti tqanqalni, o Alla:
tqanqalni x'ħin narak imsammar
ma' dak is-salib, imbiċċer;
tqanqalni x'ħin nara lil ġismek ġerħa waħda,
iqanqluni ż-żebliħ li qlajt u l-mewt tiegħek.
Nitqanqal sa ma nibda nħobb
tant li anki kieku ma kienx hemm il-ġenna,
jien xorta nibqa nħobbok,
kieku ma kienx hemm l-infern,
jien xorta nibża' minnek.
Miegħi m'intix midjun għax jiena nħobbok,
għax kieku dak li qed nistenna
ma kontx qed nistennih, jien xorta
nibqa' nħobbok bl-istess mod.

*Il-Kappella fi żminijiet oħra qabel waqqgħu r-remissa tal-ġenb (Ritratt ta' Victor B. Caruana)*



### Nistħajlu

Fil-kwadru sħiħ ta' l-istorja ta' pajjiżna li fih twieldet il-parroċċa tal-Mosta, tajna ħarsa ħafifa lejn il-ħajja Mostija ta' dawk iż-żminijiet. B'hekk stajna nistħajlu kif għexu ta' qabilna bis-sagrifiċċji tagħhom u bil-virtujiet li ħaddnu. Fl-isfond ta' ħajjiet il-Mostin tas-seklu sbatax, tajna daqqa t'għajn lejn is-snajja', il-ħidma u l-kultura tal-poplu u hekk stajna npinġu f'moħħna l-ħajja kwieta, tajba u bieżla li għexu l-Mostin fi żmien il-ħakma ta' l-Ordni. Kien żmien fejn fir-raħal rurali tal-Mosta, saltnu s-sikta, s-satra u s-sempliċità. Ma jfissirx li kollox kien ward u żahar jew li l-Mostin kollha kienu lkoll qaddisin bir-raġġiera madwar rashom! Kellhom tagħhom ukoll, fejn il-faqar, il-mard u l-problemi ma kinux nieqsa. Il-Knisja kienet l-aktar awtorità importanti li kważi mexxiet weħidha lill-Mostin u lill-bqija ta' l-ibliet u l-irħula l-oħra f'dawk iż-żminijiet fejn is-superstizzjonijiet u l-folklor ma naqsux!

### Devozzjoni

U miċ-ċpar sfieq, ħabta u sabta jitfaċċa l-Kavallier Fiteni, li b'qima lejn il-qaddis li jġib ismu u tal-familja tiegħu, jitwebbel biex iwaqqaf kappella fil-Mosta u kif ukoll jirregala kwadru artistiku ta' preġju kbir. Dan in-nobbli Malti għażel propju lill-Mosta biex fiha jxettel fost il-Mostin id-devozzjoni lejn San Silvestru Papa. Min-naħa tagħhom, il-Mostin dejjem għożżew din il-kappella li kien bena dan il-kavallier ġeneruż u raw kif għamlu biex wara mewtu, jibqgħu jieħdu ħsiebha u jżommuha fl-aħjar kundizzjoni sal-ġurnata tal-lum. Din il-ħolqa għażiża mill-istorja ta' ġensna tgħinha nifhmu l-għarfien tal-passat ta' missirijietna u b'hekk torbot f'għaqda sħiħa ma' dak li seħħ dari, ma' dak li qed jitwettaq fil-preżent, u ma' dak li, jekk Alla jrid, jissawwar fil-ġejjieni ta' art twelidna.

### Nota ta' ringrazzjament

Inrodd ħajr b'mod speċjali lil sieħbi Raymond Grech tat-tagħrif utli li għoġbu jgħaddili u tal-paċenzja li ħa bija biex dan l-artiklu jissaħħaħ aktar fil-binja tiegħu.

Nirringrazzja wkoll lir-rettur tal-Kappella ta' San Silvestru, Dun Salv Magro, ta' l-informazzjoni u l-għajnuna li għoġbu joffri.

---

*Referenzi:*
Kilin, *Wayside Chapels of Malta and Gozo* (Malta, 2000).
E. Salomone, *Musta, Its Memories and Charms* (Rochdale, 1910).
J.G.M. Borg & J.A. Sant, *It-Toroq tal-Mosta* (Malta, 1998).
E.B. Vella et al, *Storja tal-Mosta bil-Knisja Tagħha* (Malta, 1986).
M.A. Sant, *Il-Mosta fiż-Żmien il-Ħakma tal-Kavallieri ta' San Ġwann* (Malta, 1996).
M. Buhagiar, *The Iconography of the Maltese Islands 1400-1900* (Malta, 1987).
A. Guillaumier, *Bliet u Rħula Maltin* (Malta, 1972).
L. Zahra, 'Xogħol ta dekorazzjoni fir-Rotunda', *Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard, Mosta, Annwal 2002* (Malta, 2002).
T. Terribile, 'Il-Knisja ta' San Silvestru Papa', *Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard, Mosta, Annwal 2002* (Malta, 2002).
Kunsill Lokali Mosta, *Il-Kunsill Tiegħek*, Nru 24 (Malta, 2005).
G. Cassar, *Kappelli fil-Mosta Kalendarju 2004, Skola Primarja Carmela Sammut, Mosta* (Malta, 2004).
G. Lanfranco, *Ħajjitna fl-Imgħoddi* (Malta, 2004).
ĊAK Franġiskani Konventwali, *Jum il-Mulej*, Sena A, 19.vi.2005, Nru 314.
G. Lanfranco, *Drawwiet u Tradizzjonijiet Maltin* (Malta, 2001).
A. Bonnici, 'Il-Mosta Nisranija', G. Cassar (ed.), *Ex Annalibus Mustæ* (Malta, 2005).
J. Muscat, 'Graffiti fil-Mosta: il-ħitan tal-Kappella ta' San Pawl Nawfragu', G. Cassar (ed.), *Ex Annalibus Mustæ* (Malta, 2005).
B. Bonnici, *Dell is-Salib fil-Gżejjer Maltin* (Malta, 1999).

Noti:1 Skond A. Ferris, *Descrizione Storica della Chiesa di Malta e Gozo,* il-ħidma fuq il-knisja parrokkjali l-qadima tal-Mosta, xogħol l-arkitett Tumas Dingli, intemm fl-1614. Imma E.B. Vella, fi *Storja tal-Mosta*, jisħaq li l-bini tal-knisja tkompla sal-1619.

[2] It-traduzzjoni bil-Malti tgħid hekk: l-Kavallier Silvestru Fiteni, mir-raba' xagħri, jagħti u jiddedika lil San Silvestru din il-kappella, fl-1664.

[3] Dan it-tagħrif għaddih bil-fomm ir-rettur preżenti tal-Kappella ta' San Silvestru, Dun Salv Magro.

[4] Informazzjoni miksuba minn xandira rrekordjata fuq *video tape* li tinsab fil-kollezzjoni privata tal-kittieb.